MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 700/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Anthony Rapa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma tas-somma ta' elf mija u sitta u tletin liri Maltin u tletin centezmu (Lm1136.30) rappresentanti ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21570764 liema servizz gie insallat fil-fond bl-isem "Marouska", Flat 7, Triq il-Ghabex, San Pawl il-Bahar, skond diversi kontijiet mibghuta lilu u dana skond prospett anness ma' l-avviz immarkat bhala Dokument A u kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas li jidher, kemm fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli, kif ukoll illum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li ra l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddiciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sitta u tletin lira Maltin u tletin centezmu, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------